# LECTIO DIVINA

## GĦID IL-ĦAMSIN

Sena C

## Ġw 14,15-16.23-26

F'dan il-Ħadd il-Knisja tipproponielna s-silta tal-vanġelu skont Ġwanni li fil-parti l-kbira tagħha tħabbritilna wkoll fis-sitt Ħadd tal-Għid. Għaldaqstant f'din il-*lectio* nieqfu biss fuq il-kelma *Parákletos* li biha jiġi msejjaħ l-Ispirtu s-Santu.

**Jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur *(Parákletos)* ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem.**

Il-kuntest li fih qed jikteb Ġwanni huwa dak ta' Knisja li diġà għamlet u qed tagħmel kontinwament esperjenza qawwija tal-Ispirtu s-Santu. Frott din l-esperjenza, il-Knisja ta' wara l-Għid għarfet il-*Parákletos* bħala preżenza reali, familjari, bħala xi ħadd ta' ġewwa, bħal dik ta' Ġesù.

Li d-dixxipli jitkellmu b'mod familjari fuq Ġesù nifhmuha, għax rawh, għexu miegħu, kienu jafuh. Imma l-Ispirtu s-Santu min qatt kien rah? Madanakollu lkoll jitkellmu minnu b'konvinzjoni, bħala xi ħadd li jafuh sewwa bħalma jafu lil Ġesù. Biżżejjed nieħdu xi eżempji mill-Atti: Pietru jdur lejn il-pagani għax, kif jgħid, "l-Ispirtu qalli biex immur magħhom bla ma noqgħod nitħasseb" (11,12; 10,19); f'Ġerusalemm l-appostli ħadu deċiżjonijiet importanti għax, kif jgħidu, "lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom b'ebda piż ieħor..." (15,28); lil Pawlu u Timotju "l-Ispirtu s-Santu ma ħallihomx ixandru l-Kelma fl-Asja" (16,6) u hekk imbuttahom biex joħorġu u jimxu lejn kontinent ġdid, l-Ewropa (ara: 16,9). Pawlu jasal biex isejjaħ lilu nnifsu "priġunier" tal-Ispirtu: "U issa, araw, jien, imġiegħel mill-Ispirtu, sejjer Ġerusalemm bla ma naf x'se jgħaddi minn għalija hemmhekk" (20,22).

Dan ifisser li flimkien mar-rivelazzjoni mogħtija lilhom minn Ġesù dwar l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja tal-bidu kellha l-esperjenza diretta tiegħu. Mela l-Insara tal-bidu saru jafuh mhux biss minn dak li qalilhom Ġesù fuqu imma wkoll mill-esperjenza personali tagħhom.

**Nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom *Parákletos* ieħor**

Erba' darbiet San Ġwann ipoġġi fuq fomm Ġesù il-kelma *Parákletos* b'referenza għall-Ispirtu s-Santu. Xi tfisser din il-kelma? Jekk inżommu quddiem għajnejna d-diversi kuntesti li fihom tidher fil-Bibbja u anke 'l barra minnha, *Parákletos* tista' tfisser *interċessur* (jew *avukat difensur*), kif jidher f'1Ġw 2,1, jew inkella *konsolatur*, kif jidher f'Is 51,12.

It-Tradizzjoni ġabret u għaqqdet flimkien id-diversi tifsiriet ta' *Parákletos* u nterpretathom skont is-sitwazzjoni u ż-żmien. Dan jidher ċar meta niġu għad-dinja Latina, fejn l-awturi kellhom jiddeċiedu kif se jittraduċu l-kelma Griega *Parákletos*; xi drabi jittraduċuha bħala *avukat*, drabi oħra bħala *konsolatur*, drabi oħra bħala *avukat u konsolatur* flimkien.

Tajjeb inżommu f'moħħna li t-titlu *Parákletos* ma jesprimix dak li l-Ispirtu s-Santu hu fih innifsu, fi ħdan it-Trinità, imma dak li hu fir-rigward tagħna u allura dak li jagħmel magħna fl-istorja tas-salvazzjoni. Għalhekk m'għandux jaħsadna l-fatt li tifsira jew oħra tiġi applikata u tvarja skont is-sitwazzjonijiet li minnhom tkun għaddejja l-Knisja.

***Parákletos* - Difensur**

Fl-ewwel sekli, meta l-Knisja kienet għaddejja minn persekuzzjonijiet, proċessi u kundanni, l-Insara raw l-aktar fil-*Parákletos* id-Difensur li jidħol għalihom u jpoġġi fuq fommhom il-kliem tad-difiża tagħhom: "Meta jeħdukom quddiem is-sinagogi u l-kapijiet u s-setgħat, toqogħdux tħabblu raskom kif sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu" (Lq 12,11-12) (ara wkoll: Lq 22,14-15). Imma din id-difiża quddiem it-tribunali tal-bnedmin hija biss parti minn difiża akbar li l-*Parákletos* jagħmel għalina quddiem it-tribunal ta' Alla, kontra "dak li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna" (Ap 12,10). Għalhekk il-Mulej tana l-Ispirtu s-Santu biex "fejn għandna l-akkużatur ikollna wkoll id-Difensur" (Sant Irinew).

Fil-vanġelu skont San Ġwann hija ċara t-tifsira ta' *Parákletos* bħala Difensur. Fil-fatt hemm min iqis ir-raba' vanġelu kollu bħala proċess kbir lil Ġesù, fejn qed tiġi mfittxija l-identità vera tiegħu u r-raġuni moħbija wara l-għemejjel tiegħu. Dan il-proċess jolqot ukoll lid-dixxipli li, bħall-Imgħallem tagħhom, jiġu ġġudikati u kkundannati mid-dinja. Fil-mumenti l-aktar diffiċli l-Ispirtu s-Santu jaqbeż għalihom u jiddefendihom.

***Parákletos* - Konsolatur**

Meta l-Knisja ħarġet mill-era tal-persekuzzjonijiet, l-aċċent ta' *Parákletos* beda jintefa' aktar fuq l-aspett ta' Konsolatur. San Bonaventura jgħid li l-konsolazzjoni tal-Ispirtu s-Santu hija waħda vera, perfetta u proporzjonata: "Hija vera għaliex jagħtihielna fejn tassew għandna bżonnha, jiġifieri fir-ruħ tagħna... Hija perfetta għaliex tfarraġna f'kull tribulazzjoni... Hija proporzjonata għaliex aktar mhi kbira t-tribulazzjoni aktar hi kbira l-konsolazzjoni tiegħu..."

Is-Sekwenza ta' Pentekostè, li nkitbet kważi fl-istess żmien (seklu XIII), issejjaħ lill-Ispirtu s-Santu *consolator optime*, (Inti l-aqwa faraġ tagħna...).

Fl-Iskrittura din it-tifsira hija ċara wkoll. Diġà fit-Testment l-Antik Alla jippreżenta lilu nnifsu bħala l-konsolatur tal-poplu tiegħu: "Jiena, jiena hu li nfarraġkom" (Is 51,12) - (fil-Bibbja tas-LXX: "il-*parákletos* tagħkom"). "Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom u f'Ġerusalemm titfarrġu" (Is 66,13). San Pawl jitkellem minn Alla bħala "Alla li minnu ġej kull sabar u faraġ" (Rum 15,5). "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ. Hu jfarraġna fl-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, nkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu joktor fina l-faraġ..." (2Kor 1,3-5).

Dan il-faraġ ta' Alla, jew aħjar dan "Alla ta' kull faraġ", sar bniedem fi Kristu Ġesù, tant li Ġesù huwa l-ewwel *Parákletos*, l-ewwel Konsolatur u Difensur, waqt li l-Ispirtu s-Santu, li jkompli l-missjoni ta' Ġesù u l-opra ta' Alla nnifsu, huwa "*Parákletos* ieħor" (Ġw 14,15). Wara l-Għid, "Il-Knisja...kienet dejjem tikber u timxi 'l quddiem bil-biża' tal-Mulej, u tiżdied fl-għadd bl-għajnuna (*paraclesis* = konsolazzjoni) tal-Ispirtu s-Santu" (Atti 9,31). Hekk "il-Knisja tkompli l-pellegrinaġġ tagħha fost il-persekuzzjonijiet tad-dinja u l-konsolazzjonijiet ta' Alla" (Santu Wistin).

***Parákletos* ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem**

Il-*Parákletos* qiegħed magħna, qrib tagħna ħafna, anzi ġo fina: "Id-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda *intom tagħrfuh*, għaliex *jgħammar magħkom* u *huwa fikom*" (Ġw 14,17). Barra minn

hekk, huwa qiegħed magħna għal dejjem: "Jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex *jibqa' magħkom għal dejjem*" (Ġw 14,15).

**MEDITATIO**

Kemm jien konxju u konvint mill-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tiegħi?... Inħossni bħall-ewwel Insara mmexxi f'kollox minnu?...

Qiegħed nitolbu/nikkonsultah fl-għażliet u d-deċiżjonijiet tiegħi?... Jien doċli għat-tnebbiħ tiegħu?... jew qed nagħmillu reżistenza?... (ara: Ef 4,30).

F'dan il-waqt partikulari ta' ħajti, għandi aktar bżonnu bħala Difensur jew bħala Konsolatur?... jew forsi t-tnejn?... Difensur minn xhiex?... Konsolatur għaliex?...

Il-*Parákletos,* li huwa "l-Ispirtu tal-verità", iwassalna wkoll għall-verità kollha (ara: Ġw 16,13). Lejn liema verità nixtiequ jwassalni?...

**ORATIO - CONTEMPLATIO**

*Bħall-profeta Elija, nitla' fuq il-muntanja tal-Mulej, il-muntanja interjuri tat-talb, u nħalli ż-żiffa ħelwa tal-Ispirtu Qaddis tmelles lil ruħi (ara: 1Slat 19,11s). Nitolbu l-grazzja li nkun dejjem doċli għalih, għat-tnebbiħ tiegħu. Nitolbu d-dawl u l-konsolazzjoni li neħtieġ f'dal-mument.*